MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Numru. 291/2007

Il-Pulizija
(Sp Raymond Cassar)
vs
Oglive Grima, iben Anthony, imwieled Pieta' fis-26 ta' Marzu, 1991

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-1 ta' Marzu, 2007 għal habta tal-4.30 p.m., f'Ħaż-Żabbar, approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor u cioe' 'pony', li l-valur tiegħu huwa ta' tlett mitt lira maltin (Lm300), li kien fdat jew ikkunsinjata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minn speċifikat u dan għad-dannu ta' Keith Sultana u/jew persuni oħra;

2. talli kiser il-kondizzjoni mposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D. fis-7 ta' April, 2006 liema sentenza hi definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Frar, 2009 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ħallas dak kollu dovut.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Frar, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat hu minorenni, ħallas lura dak li kien dovut u ammetta fi stadju bikri ta' din il-kawża. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------